*Erbgħin Sena Ilu F'Ħaż-Żabbar*

# FESTI KBAR FL-INKURUNAZZJONI TAL-MADONNA TAL-GRAZZJI
## Malta bi ħġarha f'Ħaż-Żabbar

### *Tagħrif u Analisi minn Karmenu Ellul Galea*

Mhux possibbli li f'tagħrif fil-qosor bħal dan jitfisser x'sar f'Ħaż-Żabbar f'dawk il-jiem sbieħ u qaddisa ta' l-Inkurunazzjoni Solenni tax-Xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Grazzja. Fil-fehma tiegħi hija żgur l-isbaħ ġrajja ta' raħalna u waħda mill-akbar paġni fl-istorja reliġio-soċjali ta' dawn il-gżejjer. Ir-rabta ta' Ħaż-Żabbar mal-Madonna tal-Grazzji u d-devozzjoni kbira tal-Maltin lejn is-Santwarju tagħha f'dan ir-raħal sabiħ tagħna tgħodd il-mijiet u mijiet ta' snin. Fost dokumenti oħrajn dan hu kkonfermat miż-żjajjar pastorali ta' Mons. Molina, Mons. Rull, miż-żjara Appostolika ta' Mons. Duzina u mir-rivista Archivio Storico ta' Ruma, 1930. L-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann wara l-wasla tiegħu fl-1530 kien innamra sew max-Xbieha tal-Madonna tal-Grazzja u meqjuma fis-Santwarju tagħna.

## L-Ewwel Tqanqil għall-Inkurunazzjoni

Imma m'hemmx l-iċken dubju li l-ewwel inkurunazzjoni ta' xbieha Marjana f'dawn il-gżejjer - tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta - f'Lulju 1881, kienet kebbset l-ewwel xrar fost niesna ż-Żabbarin biex jagħmlu hekk ukoll lill-Patruna tagħhom u tagħna **Tal-Grazzja**. Meta kont għadni żgħir missieri u ommi dejjem kienu jsemmuli li l-ġenituri tagħhom u nanniethom kellhom xewqa kbira li jaraw lill-Madonna tal-Grazzja nkurunata. Hu fatt li ż-Żabbarin kien ilhom għadd ta' snin ħerqana biex jaraw lill-Madonna tal-Grazzja nkurunata.

Il-kappillani, minn żmien Dun Leopoldo Farrugia (1886 - 1918) 'il hawn, Dun Ġużepp Camilleri (1919 - 24), Dun Alwiġ Catania (1925 - 35) u Dun Manwel Brincat (1935 - 40), kollha kienu wrew ix-xewqa li fi żmien jew ieħor il-kwadru Titulari kellu jiġi nkurunat. F'dawk iż-żminijiet il-knisja kien għad jinħteġilha xogħlijiet u bżonnijiet oħra.

Kull deni ħudu b'ġid igħid il-qawl Malti. It-Tieni Gwerra Dinjija bl-attakki ħorox tagħha u l-ħsarat kbar mat-tiġrif ta' djarna u bil-knejjes u rovini oħra, kompliet qanqlet dil-mewġa għall-Inkurunazzjoni. Intennih bla biża' u bla xejn tlaqliq li malli Dun Ġużepp Lanzon mill-Birgu, li kien kappillan ta' Ħad-Dingli, malli fis-sena 1941, fl-eqqel ta' l-attakki mill-ajru b'xita ta' bombi ma taqta' xejn, ta' ġuħ u ħerba fuq artna, ħa t-tmexxija pastorali tal-parroċċa tagħna f'idejh mill-ewwel fisser x'kienet fehmtu fuq l-Inkurunazzjoni. Kien iddikjara li ħidmietu se jikkonċentraha l-iżjed fuq l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja. Qal li dil-wegħda kellu jwettaqha kemm-il darba s-Santwarju jibqa' sħiħ u ma jġarrabx ħsarat mill-ħbit ta' l-ajru mill-għadu. Il-kappillan Lanzon miet f'Ottubru, 1942,

## Il-Poplu Jikkontribwixxi mill-qalb

Dak li ma kellux ix-xorti jwettaq Lanzon temmu b'suċċess kbir Dun Ġużepp Zarb, il-kappillan ta' wrajh. Mal-pussess tiegħu f'Marzu 1943, Zarb intefa' b'ruħu u b'ġismu għat-tħejjijiet favur l-Inkurunazzjoni. Il-poplu Żabbari f'daqqa mtela' b'tama u fiduċja qawwija għat-tisħiħ u t-twettiq tal-ħolma twila u mixtieqa tiegħu. Iż-Żabbarin ma' devoti oħra tal-Madonna tal-Grazzja, ikkontribwiew aktar milli kien meħtieġ għall-kuruni tad-deheb, bżonnijiet fil-knisja u spejjeż għall-festi ta' ġewwa u barra l-knisja. Ma kienx baqa' Żabbari u Żabbarija li ma tawx biċċa sew minn dehebhom u flushom biex juru mħabbithom u d-devozzjoni kbira tagħhom lejn l-Omm tal-Grazzji, Patruna u Omm Ħaż-Żabbar. Il-Għaqda Mużikali San Mikiel kienet ipproponiet u offriet lill-kappillan Dun Ġużepp Zarb, li bħala rigal "li jibqa' ta' tifkira għal wara", toħroġ l-ispejjeż tal-kuruna ta' fuq ras il-Madonna. Fuq hekk, kellmu darbtejn lill-kappillan. Imma l-kappillan kien deċiż li l-kuruna fuq ras il-Madonna jagħmilha hu (il-kappillan) minn fost il-poplu ta' Ħaż-Żabbar.

Il-kuruni ta' deheb mastizz tat-18-il karat, f'dak iż-żmien kienu swew madwar £1,800. Id-daqs tagħhom hu: tal-Madonna, fiha $9^1/2$" x $9^1/2$", u tal-Bambin 6" x 6". Għall-ewwel darba, dak in-nhar ukoll, fuq ix-Xbieha tal-Madonna kienu tqiegħdu sandla u brazzuletta ta' deheb mastizz u xi djamanti. Dawn u l-kuruna nħadmu mis-Sur David Madiona tad-Ditta Joseph Madiona ta' Tas-Sliema. Id-disinjar u l-mudellar tal-kuruni saru mis-Sur Manwel Buhagiar mir-Raħal Ġdid.



**KUMITAT ORGANIZZATTIV FESTI TA' L-INKURUNAZZJONI MADONNA TAL-GRAZZJA, 1951**

***Bil-qiegħda, mix-xellug:*** **Dun M. Licari, Segretarju Privat ta' l-Arċisqof; Dun A. Farrugia; Kapp. Dun Ġ. Zarb; Mons. Arċisqof M. Gonzi; Mons. Isqof E. Galea; Dun P. Abela; Dun K. Buttigieg u Dun F. Buhagiar.**
***Bil-wieqfa, l-ewwel filliera, mix-xellug:*** **K. Ellul Galea; Dr. J.A. Muscat; C. Mifsud; J.M. Dougall; C. Sciberras; Spiżjar A. Felice; F.S. Sciberras; J. Debono u W. Galea.**
***Bil-wieqfa, it-tieni filliera, mix-xellug:*** **V. Muscat; L. Schembri; E. Cutajar u C. Bonacia.**
***Il-filliera ta' fuq, mix-xellug:*** **Perit G. Lia, C. Schembri u A. Cachia.**

## L-Innu Klassiku u Uffiċjali ta' l-Inkurunazzjoni

Il-festi ta' l-Inkurunazzjoni fetħu l-Ħadd, 26 ta' Awissu, 1951 u baqgħu sejrin sa ħmistax wara, il-Ħadd, 9 ta' Settembru. Il-qofol tagħhom kien il-Ħadd, 2 ta' Settembru - Jum l-Inkurunazzjoni. Għalihom kienu ġew u ħadu sehem l-Isqfijiet barranin Mons. Guido L. Bentivoglio, Arċisqof Koad. ta' Katanja, Mons. Ettore Boranzini, Arċisqof ta' Sirakuża u Mons. Angelo Calabretta, Isqof ta' Noto. Il-funzjoni ta' l-Inkurunazzjoni bit-tqegħid tal-kuruni fuq irjus il-Madonna u l-Bambin saret minn Mons. Arċisqof Metropolita Sir Michael Gonzi, mgħejjun mill-Isqof Giuseppe Pace ta' Għawdex u l-Isqof Mons. Emanuel Galea, Isqof Tit. ta' Tralles.

Għal din il-ġrajja storika u unika u li ma tintesa qatt fl-Istorja sabiħa ta' Ħaż-Żabbar il-kappillan Dun Ġużepp Zarb, fost affarijiet oħra, kien ħaseb għal innu klassiku ta' l-Inkurunazzjoni. Fi ħsiebu kellu li jkun wieħed għal kulħadd. Għal-lirika nkariga lili u għall-mużika lil magħruf Surmast-Kompożitur f'dawk iż-żmenijiet Mro. Giuseppe Casapinta, F.L.C.M. Barra hekk, lili diġà kien innominani wkoll Segretarju Propaganda tal-Kumitat ad'hoc biex jorganizza u jmexxi dawn il-festi, l-iktar dawk esterni.

Il-ħsieb tal-kappillan Zarb ta' Innu Klassiku wieħed għaż-żewġ filarmoniċi, għal raġuni jew oħra, ma mexxiex għal kollox. Ħaġa komunissima f'dawn il-gżejjer f'lokalitajiet b'żewġ jew b'aktar minn filarmonika waħda. Wara diskussjonijiet u ftehim dan l-innu ngħata b'dritt tal-**copyright** lill-Għaqda Mużikali San Mikiel. F'kuntratt għand in-nutar Dr. John Micallef Trigona, datat 8 ta' Awissu, 1951, bil-firem tal-kappillan Giuseppe Zarb, ta' Mro. Casapinta u tiegħi Carmelo Ellul Galea, hemm imniżżel fir-rigward tal-kappillan li: "Kontestwalment il-komparenti Wisq Reverendu Kappillan Dun Giuseppe Zarb qiegħed jagħti u jittrasferixxi b'titolu ta' donazzjoni lill-imsemmija Società Filarmonica San Michele ... l-Innu fuq deskritt kompost kif intqal mill-Maestro Casapinta b'diritti d'autore relattivi u taħt il-kondizzjoni li dan l-Innu jinżamm bħala Innu Uffiċjali ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja u li ma jkunx jista' jiġi sostitwit taħt l-ebda ċirkostanza b'innu ieħor". Ikompli jsemmi l-istess drittijiet ta' l-awtur u donazzjoni: "il-versi fuq imsemmija komposti mill-istess komparent Ellul Galea u li jitkantaw fuq l-Innu fuq imsemmi bil-copyright relattiva."

## Ħmistax ta' Festi Kbar

Dan l-Innu żżanżan mill-Filarmonika San Mikiel lejlet l-Inkurunazzjoni, is-Sibt, 1 ta' Settembru, 1951 fil-Pjazza Prince of Wales (illum Misraħ is-Sliem). Kien iddiriġa l-Banda s-Surmast-Direttur tagħha Mro. Adodato Gatt. Kantawh it-tenur Zammit Harrison, il-baritonu Pawlu Xerri u l-Chorus tat-tfal ta' l-Istitut ta' San Ġużepp, il-Ħamrun. Reġa' ndaqq l-għada f'Jum l-Inkurunazzjoni mill-Banda Ċittadina King's Own waqt li kien għaddej il-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja Inkurunata mill-Misraħ. Kienu ħadu sehem l-istess kantanti u Chorus taħt id-direzzjoni tal-Maestro-Direttur Giuseppe Casapinta. Bħala tifkira ta' l-Inkurunazzjoni l-Għaqda Mużikali San Mikiel għamlet stendart aħdar irrakkmat kollu bid-deheb bix-xbieha ta' San Mikiel f'nofsu. Inħadem f'casa artistica industriale f'Napli. F'lejlet l-Inkurunazzjoni, wara l-esekuzzjoni ta' l-Innu Klassiku Uffiċjali li ndaqq quddiem il-każin San Mikiel kien ġie ppreżentat lill-President ta' l-Għaqda Mużikali San Mikiel mill-Prim Ministru Dr Ġorġ Borg Olivier u tbierek mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

Matul il-ħmistax ta' festi, kuljum filgħodu u wara nofs in-nhar, fil-knisja kienu jsiru funzjonijiet, quddiesa bil-kant u l-fervorin, quddies kantat solenni u diskorsi fuq il-Madaonna. Il-funzjonijiet kienu jitmexxew mill-Kapitli tal-Kolleġġjati u mill-Komunitajiet reliġjużi. Fihom kienu jieħdu sehem għaqdiet reliġjużi tal-gżira. Qabel dawn, kuljum, kienu jiġu pellegrinaġġi minn diversi parroċċi jew kongregazzjonijiet u xirkiet reliġjużi. Kienu jimxu minn tul Triq is-Santwaru sal-knisja b'reċtar ta' talb u kant. Il-Pontifikali kienu jkunu tassew fihom x'tara.

Kuljum, kull filgħaxija, kienu jsiru marċi u programmi minn żewġ baned barranin. Nista' ngħid li l-baned kollha ta' Malta kellhom sehem f'dawn il-festi. Iż-żewġ Filarmoniċi Żabbarin, San Mikiel u M.M. Gratiae, taw kontribut kbir f'dawn il-festi.

## Il-Pellegrinaġġ tal-moto-ċiklisti

Novità li qajmet interess u entużjażmu f'dawn il-festi sbieħ kien il-pellegrinaġġ tal-moto-ċiklisti u vetturi oħra mlaqqgħin minn Malta. Sar f'lejlet l-Inkurunazzjoni bi tluq minn fuq is-Saqqajja, ir-Rabat, sa quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Kien korteo dinjituż b'għadd kbir ta' mijiet u mijiet ta' parteċipanti. Dan kien bħala rikonoxxenza lill-Madonna tal-Grazzja li ftit qabel il-Papa Piju XII kien iddikjaraha Protettriċi tal-moto-ċiklisti.

Barra taħditiet oħra fuq ir-Rediffusion fuq l-Inkurunazzjoni u s-Santwarju, wara nofs in-nhar f'lejlet l-Inkurunazzjoni, bi ftehim mal-Moviment tal-Malti mmexxi minn ħabibi s-Sur Kelinu Vella Haber, jien kont organizzajt programm b'dedikazzjoni sħiħa għal dawn il-festi. Tellajt miegħi korijiet immexxijin mis-Surmastrijiet Mro. Giuseppe Casapinta u Mro. Lorenzo Galea li kantaw l-Innu Uffiċjali u l-innu popolari ta' l-Inkurunazzjoni, it-tnejn b'lirika tiegħi u mmużikati minnhom rispettivament. Bħala Segretarju Propaganda ta' dawn il-festi jien għamilt appell lill-Maltin u l-Għawdxin biex l-għada Jum l-Inkurunazzjoni ninġabru f'Ħaż-Żabbar u ninxteħtu f'riġlejn l-Omm ħelwa tal-Grazzji.

## Il-Qofol tal-Festi

Impressjonanti u majestuża kienet il-purċissjoni ta' nhar l-Inkurunazzjoni filgħodu mill-Istitut ta' l-Ursolini għas-Santwarju b'Isqfijiet, Kapitlu tal-Katidral, Kleru u Fratellanzi tal-lokal. Wara l-preżentazzjoni u t-tberik tal-kuruni mill-Arċisqof Gonzi lill-kappillan Zarb sar il-kuntratt bejn il-kappillan u l-Prim Ministru. L-Arċisqof Gonzi ċċelebra Quddiesa Pontifikali u niseġ omelija fuq il-kobor u l-ġmiel tal-qdusija u s-safa tal-Madonna u bħala dispensatriċi tal-grazzji.

L-aqwa tal-festi kienet il-funzjoni solenni ta' wara nofs in-nhar. Sewwasew quddiem iz-zuntier kien hemm it-tribuna maħduma apposta. Fuqha, barra l-Arċisqfijiet, l-Isqfijiet, kbarat u oħrajn, kien hemm il-Prim Ministru Dr. Ġorġ Borg Oliveri, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni l-Perit Duminku Mintoff u l-Leader tal-Partit Kostituzzjonali l-Prof. Robert V. Galea.

Ma nkunx ngħaġġibha meta ngħid li Malta bi ħġarha kienet inġabret f'Ħaż-Żabbar. Quddiem u madwar il-knisja bit-toroq tal-ġenb sa kważi nofs it-Triq tas-Santwarju kienu maħnuqa bin-nies. Galleriji, twieqi u bjut b'nies fuq xulxin u mxabbtin. L-għajta ta' dawk il-jiem kienet biss fuq l-Inkurunazzjoni bil-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar. Kulħadd jitkellem u jsemmi l-festi kbar f'Ħaż-Żabbar. Ħaż-Żabbar kien iċ-ċentru ta' l-għaqda tal-Maltin u l-Għawdxin.

Fis-6 p.m. preċiżi, il-Ħadd, 2 ta' Settembru, 1951, intemmet ix-xewqa taż-Żabbarin u tad-devoti kollha tal-Madonna tal-Grazzji. Il-kuruni tqiegħdu fuq ras il-Madonna u ras il-Bambin.

## Mument Storiku u Ta' Tagħlim

F'daqqa mas-sitta qam ċapċip qawwi li jtarrax u fit-tul, daqq ta' qniepen tal-gżejjer Maltin u entużjażmu kbir ma' għajjat ma jaqta' xejn ta' "Viva l-Madonna tal-Grazzja Inkurunata". Ħafna nies bdew igħollu lit-tfal fuq l-idejn u l-ispalla. Tlugħ ta' murtaletti u kaxxi nfernali u musketterija minn fuq il-bjut.

F'dan il-waqt solenni u ta' ferħ kbir, b'leħen wieħed minbarra ż-żewġ innijiet popolari ta' Dun Frans Camilleri u ta' Karmenu Ellul Galea, beda jitkanta wkoll l-Innu Klassiku u Uffiċjali ta' l-Inkurunazzjoni:

Kemm tixraqlek O ħelwa Madonna
Il-kuruna li llum qed nagħtuk
Hija xhieda ta' qima w imħabba
Li b'Omm tagħna, b'Sultana nagħrfuk.

Wara dan id-delirju ta' ferħ u devozzjoni bit-tlikki t-tlikki l-purċissjoni bil-kwadru mirakuluż bil-Madonna tal-Grazzja Inkurunata bdiet miexja mat-toroq ewlenin ta' Ħaż-Żabbar. Ir-raħal kien mixegħla waħda ta' dwal u lwien b'tiżjin mill-aħjar, bi tfigħ ta' ward frisk u musketteriji minn kull fejn għaddiet ix-xbieha għażiża tal-Madonna tal-Grazzja. Barra ħmistax ta' talb, ta' radd il-ħajr u tifħir lil Alla u lill-Madonna taħt it-titlu sabiħ Tal-Grazzji kienu wkoll ġimagħtejn ta' ferħ, ta' għaqda u sliem mhux fost iż-Żabbarin biss imma fost il-poplu Malti kollu. F'dawk il-jiem Malta kienet tassew qed tgħix ħaġa waħda mal-Madonna. Dan kien fost l-iżjed frott bnin u l-isbaħ tifkiriet ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja - Tama, Faraġ u Saħħa tal-Maltin.

*Jalla l-ferħ, l-imħabba u s-sliem ta' f'jiem din l-Inkurunazzjoni jibqgħu jsaltnu qawwija u ħerqana, illum u għall-ġejjieni, fost il-Maltin u l-Għawdxin.*


**TWANNY BONGAILAS**

**62, St. James Square, Zabbar**

**Għal kull kwalità ta'**

**SKRATAĊ U AĊĊESSORI TAR-ROTI**

**KULL KWALITA TA' BMX**
**U RACERS 10 SPEED**